**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Frar, 2019

Rikors Nru : 287/18 AL

**AB**

***-vs-***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat bhala Dok MM1;

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona

Zammit Armeni fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) hawn anness u mmarkat bhala Dok MM2;

Illi minn dan iz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tlett itfal bl-ismijiet "E F" li huwa maggorenni, u "G" u "H", id-data tat-twelid fl-erbgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fis-sitta ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) rispettivament, illi huma it-tnejn minorenni;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin hekk kif inhu evidenzjat u dikjarat fil-klawsola sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq surreferit;

Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretenzjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-intimata prezenti fl-Awla u fuq domanda tal-Qorti, wiegbet li ma kellha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-14 ta' Mejju, 2018 u *de facto* separati ghal aktar minn erba` (4) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;